# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 15 ta' 2023, miżmuma nhar it-18 ta' Diċembru 2023, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Balzan LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3: Komunikazzjoni tal-President;
4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5: Korrispondenza
6: Rapporti;
   i. Budget 2024
7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
   i. Performace Bonus SE u Impjegati
   ii. Ambejent
   iii. Skart
   iv. Synergies Eu Project
   v. Projections Project
   vi. Social Media proposal
   vii. Totem Signs Region Proposal
   viii. Billbaords
   ix. Intelegent Cities Update
   x. Skema Latrini Automatici
   xi. Kunsill Regjonali Tat-Tfal
   xii. JP2 Foundation Proposal
8: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
9: Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:00 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 14 miżmuma fl-14 ta' Novembru 2023 ittieħdu bħala moqrija. John Buttigieg ippropona li jkunu approvati. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## - 3.1 Komunikazzjoni mill-President

Il-President Clifford Galea tkellem fuq il-laqgħa annwali li ser tinżamm fi Frar 2024. L-ikla tal-Milied tar-Reġjun ser tinżamm f'Jannar 2024. Ser jintbagħtu numru ta' dati biex tintagħżel l-aħjar possibbli. Ir-Reġjun ser ikun qed jara fejn ser tinżamm u javża lill-membri bil-post.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-President staqsa jekk il-membri jixtiequx li ssir attivita ta' team building bejn il-membri u r-Reġjun ġewwa Sqallija. Saret diskussjoni u kien maqbul li din titħalla għalissa.

Il-President staqsa lis-Segretarju jekk kienux daħlu kwotazzjonijiet għall-audit mitlub. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għalkemm kienu ntbagħtu numru ta' tfakkiriet, l-ebda kumpanija għadha ma wieġbet. Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv jitkellem ma' Angelo Micallef, kif ukoll Daniel Attard biex inġibu numru ta' kuntatti ta' kumpaniji oħra.

Il-President qal li kellu laqgħa ma' Norma Saliba, il-Kap Eżekuttiv taċ-Ċentru għall-ilsien Malti, fejn tkellmu fuq numru ta' filmati fuq l-ilsien Malti u r-Reġjun.

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Alfred Grima staqsa għaliex qed tinxtara l-gazzetta The Malta Independent. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li tinxtara l-edizzjoni ta' nhar ta' Ħamis minħabba li jkun fiha l-lista ta' każijiet tat-Tribunal. Din tinxtara, filfatt, għat-Tribunal biex tinżamm mal-każijiet tal-ġurnata hekk kif mitlub mil-liġi. Il-każijiet ikunu ppublikati biss fuq il-gazzetta The Malta Independent.

## 5.1 Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza mis-Sur George Aquilina li jieħu ħsieb it-tfassil ta' posters tar-Reġjun. Huwa bgħat proposta ta' €1000 għal sena. Il-President spjega x-xogħol siewi li qed jagħmel is-Sur Aquilina u talab lill-membri japprovaw din il-proposta. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li l-proposta tkun milquha. Kyle Mifsud issekonda. Il-membri qablu li l-proposta tkun aċċettata.

Vetturi Kummerċjali – wara li Bjorn Bonello kien bgħat ittra proposta rigward il-vetturi kummerċjali pparkjati fit-toroq, il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kien bgħat il-kummenti tiegħu fuq din il-materja. Il-Kunsill kien irrimarka li fil-Mellieħa, din il-problema mhix kbira u mportanti li azzjoni tittieħed fuq il-vetturi kbar bħal pereżempju cranes u trakkijiet kbar, iżda mhux fuq il-vetturi ż-żgħar li jintużaw anke mill-familja. Saret diskussjoni u l-Kunsilli ser jibgħatu l-kummenti tagħhom.

Proposta ta' proġezzjonijiet – Il-President tkellem fuq il-korrispondenza mibgħuta fuq il-proġett propost ta' proġezzjonijiet li kien maħsub li jsir għall-Milied. Huwa qal li l-Ministru tat-Turiżmu kien qiegħed €10K, bħal sostenn għal din l-attivita. Minħabba li l-Milied viċin ħafna, kien maħsub li din l-attivita titmexxa għall-2024, possibilment għal żmien l-Għid. Issemma' li l-Mcast qed tagħmel dan ix-xogħol ukoll, u għaldaqstant, tajjeb li r-Reġjun jara jekk l-Mcast tkunx interessata li taħdem dan il-proġett.

## 6.1 Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jippreżenta r-rapport tal-budget fil-laqgħa li jmiss. Il-President ippropona li r-Reġjun jitlob lill-Kunsilli jagħtu proposti tagħhom għall-budget. B'hekk, ir-Reġjun ikollu iktar l-opportunita` jaqdi r-rekwiżiti tal-Kunsilli.

C. Balzan


Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Paul Vella wasal fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;**

Performance Bonus – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Performance Bonus tal-impjegati. Il-membri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv joħroġ mill-kamra sabiex ikunu jistgħu jiddiskutu fuq din il-materja. Il-laqgħa twaqqfet għal ftit ħin. Wara li nfetħet il-laqgħa, il-President informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-Performance Bonuses ser ikunu diskussi fil-laqgħa li jmisss f'Jannar.

Merħba Sign – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kwotazzjoni għas-sinjali tal-Merħba, huwa spjega li dawn ikunu aħjar jekk isiru fejn hemm provista tad-dawl. Hemm il-possibilita` li jkunu jaħdmu bl-enerġija tax-xemx ukoll. Saret diskussjoni, u s-Segretarju Eżekuttiv intalab jibgħat id-dettalji lill-membri sabiex jitkellmuha fil-Kunsilli. Dawn is-sinjali ser ikunu qed jinxtraw mill-Kunsill u mħallsa mir-Reġjun.

Skema Latrini – Ir-Reġjun kien żamm numru ta' laqgħat mal-membri fuq din l-iskema. Il-membri esprimew it-tħassib tagħhom fuq din l-iskema u rrimarkaw li l-ammont għal kull Kunsill mhux biżżejjed. Kien diskuss ukoll, li s-sistemi awtomatiċi ma tantx taw riżultati pożittivi u sfaw vandalizzati sikwit. Jidher ukoll li l-manutenzjoni ta' dawn is-sistemi tiswa ferm aktar u allura, il-membri qablu li ma jipparteċipawx f'din l-iskema.

JP2 Foundation – Il-proposta tal-JP2 Foundation kienet diskussa. Filwaqt li hemm interess minn numru ta' Kunsilli, iż-żmien propost hu wisq viċin u għalhekk, il-membri qablu li għal din id-darba, ma nidħlux għaliha.

Ambjent – Bjorn Bonello kellem lill-membri fuq il-ward selvaġġ fiż-żoni magħrufa bħala soft areas u l-qtugħ ta' dawn l-istess ward selvaġġ. Is-sur Bonello ser ikun qed ikellem lil kull Kunsill individwali, kif ukoll fuq il-memorandum dwar in-naħla Maltija. Paul Vella qal li hemm żewġ NGO's li qed jaħdmu biex in-naħla Maltija tkun mgħotija l-protezzjoni li jisħoqqilha. Hemm il-biża minn numru ta' produtturi li għandhom naħal barrani, li ser jitilfu l-għajnuna preżentament mogħtija, iżda dan ma jidhirx li minnu.

Stefan Cordina wasal fit-tmienja neqsin għaxra.

Synergies Project – Il-President u s-Segretarju Eżekuttiv kienu telgħu Ruma għall-ewwel laqgħa tas-Synergies Project. Ir-Reġjun kien ser igawdi minn fond ta' €189K, li ser tkun qed tintuża biex tipprepara lir-Reġjun, Kunsilli u l-komunita` biex jaffaċċjaw aħjar diżastri naturali. Il-President spjega li dan kien proġett interesanti, pero`, irridu noqgħodu attenti li nleħħqu max-xogħol li hemm.

Waste Collection – Aderemi Baderinwa tkellem fuq kemm qed tiswa l-borża s-sewda lill-Kunsilli Lokali. Huwa saħaq l-importanza tas-separazzjoni tal-iskart aħjar, għax b'hekk biss tista tonqos l-ispiża lill-Kunsilli. Tkellem ukoll li hemm problema biċ-chits ta' kuljum li jieħdu t-trakkijiet meta jbattlu l-iskart fil-faċilitajiet tal-Wasteserv. Huwa qal li dawn mhux jaslu regolari u jtawlu l-proċess ta' rikonċiljazzjoni.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Skemi – Chris Grech tkellem biex ir-Reġjun jagħmel skemi għal affarijiet bħal bankijiet u għamara oħra tat-toroq. Tkellem ukoll dwar il-possibilta` li r-Reġjun jesplora MOUs ma' Infrastucture Malta u Malta Tourim Authority fejn ikun qed juża lilhom biex isiru xogħolijiet, u r-Reġjun iħallas direttament lil dawn l-awtoritajiet. Il-President ser ikun qed jitkellem mal-Ministeri kkonċernati fuq din il-proposta.

Proposta Billboards – Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jippreżenta din fil-laqgħa li jmiss.

Kunsill Reġjonali tat-Tfal – saret diskussjoni dwar din il-materja, iżda preżentament, ma hemmx biżżejjed informazzjoni ta' x'ser isir. Il-membri esprimew it-tħassib tagħhom dwar din l-inizjattiva.

Intelligent Cities Project – Bjorn Bonello ta spjegazzjoni ta' dan il-proġett fejn ir-Reġjun ser ikun qed jiġi mgħejun minn numru ta' esperti ewropej f'diversi setturi. Iktar informazzjoni tingħata 'il quddiem.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Skeda 169 kienet ippreżentata. Paul Vella ippropona li tkun approvata. Chris Grech issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar 2024, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Clifford Galea Vella
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 16 ta' Jannar, 2024



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt